# Informazzjoni Dwar L-Għażla tas-Suġġetti tal-Vjaġġ Tiegħi

***(Kull taqsima għandu jkollha bejn 50-60 kelma)***

**Għażla tas-Suġġett**: Agrikummerċ

*Jekk jogħġbok indika r-rotta offruta:*
**Applikata: ____**
**Akkademika**: **____**
**Vokazzjonali: __☑__**

**Introduzzjoni Ġenerali għas-Suġġett:**
Ix-Xjenza tal-Pjanti u tal-Annimali tiġi applikata fit-trobbija tal-pjanti, tal-annimali u tal-ħut u dan iservi ta' bażi soda għall-istudenti li huma interessati fis-setturi tal-konservazzjoni Agrikola, Akwatika, tal-Annimali Domestiċi, Veterinarja u Ambjentali. Ħafna mit-tagħlim isir b'approċċ hands-on fi ħdan is-settings li ġejjin: għelieqi, laboratorji tax-xjenza, kmamar tal-ħut, serer, 'rabbitries' u rziezet oħra, imfaqas tal-ħut, mixtliet tal-pjanti u ħafna aktar.

**Lista ta' temi studjati:**

*a. Xjenza tal-Pjanti u l-Ħamrija - tikkonsisti fix-xjenza tal-pjanti applikata, l-ippjanar tal-għelieqi, xjenza tal-ħamrija u nutrizzjoni tal-pjanti*

*b. Produzzjoni Akwatika u dik Ibbażata fuq l-Art - tikkonsisti fil-bijoloġija tal-ħut, tnissil ta' ħut ornamentali u kummerċjali, fiżjoloġija tal-pjanti, koltivazzjoni u kummerċjalizzazzjoni tal-għelejjel u tekniki ta' propagazzjoni tal-pjanti*

*ċ. Il-Ġenetika u t-Tgħammir tal-Fniek - tikkonsisti fil-bijoloġija u l-imġiba tal-fniek, iż-żamma tal-fniek (bħala annimali domestiċi u kummerċjali), is-saħħa u t-tgħammir tal-fniek u l-industrija tal-laħam tal-fenek*

**Attivitajiet involuti fil-klassi:** xogħol li jinvolvi l-annimali tar-razzett, ħut u pjanti. Użu ta' apparat xjentifiku għall-għarfien ta' kunċetti tax-xjenza u t-teħid ta' kampjuni. Kura u trobbija tal-annimali. Ħafna xogħol fi gruppi. Preżentazzjonijiet u diskussjonijiet.

**Xogħol assenjat għad-dar:**
Eżerċizzji ta' konsolidazzjoni. Xi riċerka. Parti minn kompitu jista' jingħata bħala xogħol għad-dar.

**Assessjar mogħti:**
L-Assessjar tas-Sena huwa bbażat kif ġej:
Kompitu 1 u 2 (xogħol tal-kors - 60% tas-sena) - ½ xogħol miktub u ½ kompiti prattiċi.
Kompitu 3 (karta tal-eżami - 40% tas-sena) - karta bil-miktub

Il-marki għad-9, l-10 u l-11-il sena, jiġu magħduda għall-grad tal-MATSEC (O'level).

**Lista ta' ħiliet miksuba bl-istudju tas-suġġett:**
*a. Il-kapaċità li taħdem bħala individwu jew fi grupp.*
*b. Il-kapaċità li tagħmel ir-riċerka tiegħek stess u r-referenzi meħtieġa.*
*ċ. Ħiliet fl-ortikultura, trobbija tal-annimali, akkwakultura u konservazzjoni ambjentali.*
*d. L-abbiltà li tagħmel ġudizzji edukati*

| |
|---|
| **Lista tal-ħiliet meħtieġa biex tistudja s-suġġett:**<br>*a. Tħossok komdu/a tagħmel xogħol b'idejk.*<br>*b. Tħossok komdu/a taħdem mal-annimali.*<br>*ċ. Tħossok komdu/a taħdem fl-għelieqi, mixtliet u serer.*<br>*d. Lest/a taħdem barra mill-klassi fil-beraħ.* |
| **Isem tal-Uffiċjal tal-Edukazzjoni**: Dirk Muscat |
| **Indirizz elettroniku:** dirk.muscat@ilearn.edu.mt |